MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2010

Numru 1123/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR ROBERT VELLA**
**VS**
**MICHAEL XUEREB**
**VINCENT XUEREB**

Il- Qorti

Rat l- imputazzjoniet migjuba kontra l-imputati Michael Xuereb ta’ 46 sena, iben il-mejjet Emanuel u Margaret nee’ Vassallo, imwieled ir-Rabat, Malta nhar it-13 ta’ Jannar 1964, residenti fil-fond numru 27, Flat 3, Triq il-Bistra, Mosta u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 57764(M). Vincent Xuereb ta’ 49 sena, iben il-mejjet Emanuel u Margaret nee’ Vassallo, imwieled ir-Rabat, Malta nhar l-10 ta’ Novembru 1960, residenti fil-fond ‘California’, Triq Manwel Vitale, Rabat u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 797260(M);

Illi huma akkuzati talli:

1. Fit-28 ta' Ottubru 2010 ghall-habta ta' l-4.45 ta' filghaxija gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat li tinsab gewwa Triq Santa Rita, Rabat, Malta bil-hsieb li jikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' huhom Diego Xuereb urew dan il-hsieb billi b'atti esterni taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi taw diversi daqqiet ta' ponn u anke ta' tazza tal-hgieg lill-istess Diego Xuereb, u li liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom. Kap 9 Sec 41 (1) (a), Sec 214, Sec 216.
2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-Ligi ta' Awtorita' Kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lill-istess Diego Xuereb kontra l-volonta' tieghu; Kap 9 Sec 86.
3. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebbew ghal Diego Xuereb u kkagunawlu griehi ta' natura hafifa hekk kif certifikat minn Dr. K. Vassallo M.D. (Med Reg. No. 2965); Kap 9 Sec 221 (1).
4. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija jew ma hallewx jew fixklu waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod bla jedd indahhlu fl-istess dmirijiet billi ma hallewx lill-membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassru jew gabu fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija kienu ghamlu; Kap 9 Sec 338 (ee).
5. Fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi kisru l-kwiet u l-buon ordni pubblika b'ghajjat u glied; Kap 9 Sec 338 (dd).
6. Fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem indecenti u oxxen li jikkonsisti f'dagha jew ghamlu atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika; Kap 9 Sec 338 (bb).
7. Fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi ghamlu lil haddiehor ingurja jew theddid mhux imsemmija band'ohra f'dan il-kodici, jew jekk kienu pprovokati, ingurjaw b'mod li hargu barra mill-limiti; Kap 9 Sec 339 (e).

8. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, involontarjament ghamlu hsara fuq l-uniformi tal-Pulizija liema hsara tammonta ghall-€ 68.36; Kap 9 Sec 328 (d).

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Diego Xuereb u tapplika l-provvedimenti ta' Artikolu 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol.7) u dik ta' l-imputati (a fol.25 u fol.26) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputati ghal rigward ta' l-ewwel (1), ir-raba' (4), il-hames (5), is-sitt (6), is-seba' (7) u it-tmien (8) akkuza;

Rat il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat il-verbal tal-kwerelant fejn irrinunzja ghall-azzjoni kriminali ghal rigward tat-tieni (2) u tat-tielet (3) akkuza u hafer lill-imputati;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni taghhom, il-Qorti ssib lill-imputati **Michael Xuereb u Vincent Xuereb** hatja ta' l-ewwel (1), ir-raba (4), il-hames (5), is-sitt (6), is-seba' (7) u t-tmien (8) akkuza, tiddikjara ghal rigward tat-tieni (2) u tielet (3) akkuza l-procediment ezawrit u wara li rat Artikoli 41 (1)(a), 214 u 216, 338(ee)(dd)(bb), 339(e), 328(d) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, **tillibera lill-imputati bil-kondizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tmintax (18)-il xahar.**

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, il-fedina penali nadifa taghhom, il-fatt illi hallsu l-pendenzi kollha fil-mori tal-kawza, l-fatt principali li l-kwerelant hafer lill-imputati b'mod assolut u li fatt illi l-kwistjonijiet kollha li kien hemm bejn dawn l-ahwa illum giet indirizzata u regolata permezz ta' ftehim redatt li gie pprezentant bhala dokument X.

Ghal rigward ta' Michael Xuereb, il-Qorti tirrakkomanda li dan izomm l-impjieg tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------